**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Gunju 2019.**

**Rik Gur : 11/2015 AGV**

AB (205566M)
Vs
CB (0470364 M)

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** ipprezentat fis-6 ta' Gunju 2018, li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti;

Illi l-esponenti ntavolat kawza odjerna fis-16 ta' Jannar 2015 u ilhom jghixu hajja separata minn xulxin sa minn Novembru 2012 ;

Illi stante li ormai ma ghad fadal l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, l-esponenti bir-rispett titlob lill ai termini tal-55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'

Malta, dina l-Onorbabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partjiet;

Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenut anzi l-esponenti tikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f' atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel, liema hsieb gie anki kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** deciz fit- 28 ta' Marzu 2014, fost hafna gurisprudenza ohra;

Ghaldaqstant, umilment l-espoenenti qed titlob lil dina l-Onirabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Art 55 tal-Kap, 16 kif ukoll,
2. Tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timpani fuqi terminu, sabiex l-istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess Direttur.

**Rat ir-risposta ta' CB** wara r-rikors ipprezentat tas- 6 ta' Gunju 2018 fejn jesponi bir-rispett;

Illi l-esponenti jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna ai termini tal-Art 55 tal-Kap 16, il-waqfien tal-komunjoni li tezisti bejn il-partijiet.

Illi l-esponenr ghadu qieghed jipprezenta l-provi tieghu u zgur ser jkun ippregudikat, l-aktar minhabba illi jista' ikun li AB ghamlet certi akkwisti u hbiethom taht isem haddiehor (Nominee) u li jistghu jigu zvelati u ppruvati waqt is-smiegh tal-provi u l-kontro-ezamijiet li ghad iridu jsiru.

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba, jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti dwat it-talba kontenuta fir-rikors.

**Il-Fatti**

Il-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u r-rikorrent qed titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li mhux se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenut, fl-eventwalita' li tigi milqugha t-talba. Din it-talba, izda, hija opposta mill-intimat.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Ghalkemm l-intimat qed joggezzjona ghal din it-talba, mill-provi prodotti ma jirrisulta ebda pregudizzju li hu jista' jsofri bl-ghoti ta' din l-ordni. Il-Qorti tosserva li l-konvenut, intimat f'din il-procedura, ma pproduca ebda prova in sostenn tal-oggezzjoni tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem x'inhi l-bazi tal-kontestazzjoni ghax-xoljiment tal-komunjoni li qed titlob l-attrici. In vista ta' dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-istess xoljiment mhux ser jikkaguna ebda *pregudizzju spropozjonat* lill-konvenut.

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif hawn fuq ikkonsidrat, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 Ligijiet ta' Malta b'dan li fi zmien ghoxrin jum l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Dep Reg**

**Cettina Gauci**